IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.1.2013
COM(2013) 36 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

# PJAN TA' AZZJONI EWROPEW GĦAS-SETTUR TAL-KONSUMATURI

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# TABLE OF CONTENTS


1. INTRODUZZJONI ..... 3
2. IL-KISBA TA' SUQ UNIKU TAL-KONSUMATURI ..... 5
2.1 Bidla fis-Settur tal-Konsumaturi ..... 5
2.2 Is-Settur tal-Konsumaturi jiffaċċja diversi sfidi ..... 5
2.3 Suq Uniku tal-Konsumaturi għall-benefiċċju tal-atturi kollha ..... 6
3. ĦAMES KATALIZZATURI EWLENIN GĦAL SERVIZZI GĦALL-KONSUMATURI AKTAR KOMPETITTIVI U SOSTENIBBLI ..... 7
3.1 L-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi ..... 7
3.1.1 Informazzjoni għall-Konsumatur ..... 8
3.1.2 Għazliet għall-Konsumatur Aktar Sostenibbli ..... 8
3.2 Aċċess għal Servizzi għall-Konsumaturi Aktar Kompetittivi ..... 9
3.2.1 Stabbiliment Kummerċjali ..... 9
3.2.2 Il-kummerċ elettroniku ..... 10
3.3 L-iżvilupp ta' Katina tal-Provvista Alimentari u Mhux Alimentari aktar bilanċjata minn Negozju għal Negozju ..... 11
3.3.1 L-indirizzar tal-UTPs ..... 12
3.4 L-Iżvilupp ta' Katina tal-Provvista Aktar Sostenibbli għall-Konsumaturi ..... 13
3.4.1 Produzzjoni u Konsum Aktar Sostenibbli ..... 13
3.4.2 Anqas Ħela fl-Ikel ..... 14
3.5 Jiġu żviluppati soluzzjonijiet aktar innovattivi ..... 15
3.5.1 Tikkettar tal-Prodotti ..... 16
3.5.2 Pagamenti elettroniċi: ..... 16
3.6 Jinħoloq Ambjent tax-Xogħol Aħjar ..... 18
3.6.1 In-Nuqqas ta' Tlaqqigħ tal-Ħiliet ..... 18
3.6.2 L-Ekonomija Informali ..... 20
3.7 Id-dimensjoni internazzjonali ..... 20
4. KONKLUZJONI: DJALOGU KONTINWU MAS-SETTUR TAL-KONSUMATURI ..... 21

## 1. INTRODUZZJONI

Is-servizzi għall-konsumaturi u dawk għall-operaturi, magħrufa wkoll bħala attivitajiet kummerċjali ta' distribuzzjoni, jirrappreżentaw 11 % tal-PDG tal-UE u jammontaw għal kważi 15 % tal-impjiegi totali tal-UE. Aktar minn 6 miljun kumpanija, jiġifieri, 29 % tal-intrapriżi kollha tal-UE, huma attivi f'dan is-settur. Is-settur tal-konsumaturi huwa kkaratterizzat minn sehem għoli ħafna ta' SMEs, partikolarment il-mikrokumpaniji (aktar minn 95%)[1]. Is-setturi tal-konsumaturi u tal-operaturi huma marbuta mill-qrib kemm ma' xulxin, kif ukoll ma' setturi ekonomiċi oħra bħall-agrikoltura, il-manifattura, is-servizzi tal-IT, l-enerġija, il-loġistika u t-trasport[2]. Dawn is-setturi qed isiru dejjem aktar integrati, u d-distinzjoni bejniethom hija dejjem inqas ċara, billi xi bejjiegħa fil-livell tal-konsumaturi issa qed jaġixxu wkoll bħala bejjiegħa fil-livell tal-operaturi, jew saħansitra bħala manifatturi.

Is-setturi tal-konsumaturi u tal-operaturi għandhom rwol essenzjali biex jiġu stimulati t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi taħt l-istrateġija Ewropa 2020: huma fost is-setturi ewlenin li jistgħu jixprunaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija u xejriet tal-konsum aktar sostenibbli. Effiċjenza f'dan is-settur għandha implikazzjonijiet għall-kompetizzjoni, l-innovazzjoni, ix-xejriet tal-prezzijiet u l-kompetittività.

Il-bejjiegħa għandhom rwol importanti biex is-Suq Uniku jasal għand il-konsumaturi tal-UE. Madankollu, għad hemm ostakli li jxekklu l-ħolqien ta' Suq Uniku tal-Konsumaturi effiċjenti u kompetittiv. Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kundizzjonijiet għall-Konsumatur ta' Mejju 2012, is-Suq Uniku tal-Konsumaturi "għadu 'l bogħod milli jkun kompletament integrat"[3]. Hemm ukoll diversi ostakli li jxekklu proċessi bħall-forniment transfruntiera jew id-dħul fis-suq mill-bejjiegħa nfushom. L-ostakli għall-iżvilupp tas-Suq Uniku tal-Konsumaturi ġew identifikati fir-*Rapport ta' Sorveljanza tas-Suq tal-Konsumaturi*[4], ir-Rapport tal-Parlament Ewropew dwar *Suq tal-konsumaturi aktar effiċjenti u aktar ġust*"[5] u s-sessjonijiet ta' ħidma[6] organizzati mill-Kummissjoni matul it-tħejjija ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni. Filwaqt li d-Direttiva dwar is-Servizzi[7] u l-miżuri ta' segwitu[8] tagħha jiddefinixxu strateġija ġenerali fil-qasam tas-servizzi, dan il-Pjan ta' Azzjoni jimmira speċifikament għas-setturi tal-konsumaturi u tal-operaturi. Huwa jipprovdi pjan direzzjonali lejn Suq Uniku tal-Konsumaturi.

---

1 Sors: Eurostat SBS (2010).

2 Dan il-Pjan ta' Azzjoni jkopri l-attivitajiet kummerċjali ta' distribuzzjoni kollha (Taqsima G tal-klassifikazjoni tar-Rev 2 tal-NACE: NACE), inkluż in-negozju tal-karozzi, dak fil-livell tal-operaturi kif ukoll dak fil-livell tal-konsumaturi. Għalhekk, it-titolu "Pjan ta' Azzjoni għall-Konsumaturi" huwa intenzjonat li jkollu ambitu usa' mill-"qasam tal-konsumaturi" *stricto sensu*.

3 http://ec.europa.eu/consumers/consumer_research/editions/docs/7th_edition_scoreboard_en.pdf

4 Rapport ta' sorveljanza tas-suq tal-konsumaturi "*Lejn suq intern tal-konsumaturi u d-distribuzzjoni iktar effikaċi u ġust sal-2020*", COM (2010) 355 finali, 5 ta' Lulju 2010.

5 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2011 dwar suq tal-konsumaturi aktar effiċjenti u aktar ġust (2010/2109(INI)).

6 Organizzati matul l-ewwel tliet xhur tal-2012 mar-rappreżentanti tal-partijiet interessati ewlenin fil-katina ta' forniment għall-konsumaturi (sommarji tal-laqgħat huma disponibbli fuq http://ec.europa.eu/internal_market/retail/index_en.htm)

7 Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern, (ĠU L 376, 27 ta' Diċembru 2006, p. 36).

8 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi: *Sħubija għal tkabbir ġdid fis-servizzi 2012-2015"* (COM(2012) 261 finali tat-8 ta' Ġunju 2012; u d-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal (2012) 146 finali, 147 finali u 148 finali tat-8 ta' Ġunju 2012.

L-ostakli identifikati fis-settur tal-konsumaturi – li ħafna drabi jolqtu diversi oqsma tal-politika – jeħtieġu li jiġu indirizzati permezz ta' pjan koerenti li jtejjeb il-prestazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali tas-settur, u li jiżgura li jikkontribwixxi bis-sħiħ għall-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020. Kif diġà ġie identifikat fil-kuntest tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (Country Specific Recommendations - CSRs) maħruġa mill-Kunsill f'Lulju 2012, jeżistu żewġ sfidi ewlenin fis-settur tal-konsumaturi tal-UE: (i) restrizzjonijiet dwar l-istabbiliment; u b'mod aktar ġenerali, (ii) in-nuqqas ta' kompetittività fis-settur tal-konsumaturi, b'mod partikolari f'xi Stati Membri, u l-ħtieġa li jitnaqqsu l-ostakli u r-restrizzjonijiet operazzjonali.

Dan il-Pjan ta' Azzjoni għandu l-għan li jindirizza l-ostakli ewlenin imsemmija hawn fuq biex jinkiseb Suq Uniku tal-Konsumaturi billi titfassal strateġija biex tittejjeb il-kompetittività tas-settur tal-konsumaturi u tissaħħaħ il-prestazzjoni ekonomika, ambjentali u soċjali. Madankollu, il-miri strateġiċi tiegħu ma jistgħux jintlaħqu sempliċiment b'miżuri minn fuq għal isfel, iżda se jesiġu kollaborazzjoni u inizjattiva attiva tas-settur tal-konsumaturi nnifsu. Pereżempju, se jkollha tiġi kondiviża r-responsabbiltà għall-investiment fil-ħiliet, u hawnhekk is-settur tal-konsumaturi għandu jkollu rwol importanti flimkien mal-gvernijiet, l-individwi, u s-settur edukattiv.

Servizzi Ewropej tal-konsumaturi jippreżentaw stampa varjata u kumplessa. Għalhekk, mhemm l-ebda soluzzjoni waħda jew approċċ wieħed li japplikaw bl-istess mod għal kulħadd fir-rigward tal-isfidi li qed jaffrontaw. Id-diversità tas-settur tal-konsumaturi tinkludi differenzi f'termini tat-tip ta' fornituri (SMEs jew kumpaniji ikbar), organizzazzjoni (gruppi ta' bejjiegħa indipendenti, kooperattivi, korporazzjonijiet, eċċ.), daqs tal-punti ta' bejgħ, formati, il-linji tal-prodotti, il-katini tal-provvista involuti, il-lokalizzazzjonijiet, il-mudelli kummerċjali, il-livelli ta' integrazzjoni vertikali, strutturi ta' sjieda u d-daqs tal-operazzjonijiet.

Il-livelli tal-produttività fis-settur tal-attivitajiet kummerċjali ta' distribuzzjoni fl-Ewropa jridu jitjiebu, filwaqt li jitħarsu l-kwalità u l-livelli attwali tal-impjiegi. Il-mikrokumpaniji u l-SMEs jikkontribwixxu sehem relattivament għoli lill-valur miżjud tal-UE, li hija r-raġuni għaliex huma meħtieġa azzjonijiet li jixprunaw il-produttività tagħhom saħanistra aktar sabiex ikun kemm aktar tkabbir kif ukoll aktar impjiegi fl-UE. Uħud mill-miżuri proposti f'dan il-Pjan ta' Azzjoni (eż., il-miżura dwar it-tikkettar) se jgħinu lill-kumpaniji jirriallokaw riżorsi għal dawk l-attivitajiet li jiġġeneraw tkabbir reali, u b'hekk tingħata spinta lill-produttività tagħhom. Dan huwa tassew il-każ għall-SMEs, li ta' spiss ikollhom jallokaw proporzjon kbir tar-riżorsi umani u finanzjarji tagħhom għall-ġbir ta' informazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli applikabbli fi Stati Membri oħra. Uħud mill-miżuri oħrajn proposti f'dan il-Pjan ta' Azzjoni (eż., il-miżura dwar il-pagamenti elettroniċi) se jinkoraġġixxu bejgħ mill-bogħod permezz tal-internet u b'hekk joħolqu opportunitajiet, b'mod partikolari għall-SMEs, biex iwessgħu l-bażi ta' konsumaturi tagħhom, possibbilment lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Dawn se jgħinu wkoll biex jintlaħqu l-għanijiet iddefiniti fil-Komunikazzjoni "Aġenda Diġitali għall-Ewropa"[9] u l-"Pjan ta' Azzjoni dwar il-Kummerċ Elettroniku"[10] .

[9] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni "*Aġenda Diġitali għall-Ewropa*" (COM(2010) 245 finali tas-26 ta' Awwissu 2010)

[10] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni *"Qafas koerenti għall-bini ta' fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali tal-kummerċ elettroniku u tas-servizzi onlajn"* (COM(2011) 942 finali tal-11 ta' Jannar 2012 magħrufa wkoll bħala l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Kummerċ Elettroniku).

## 2. IL-KISBA TA' SUQ UNIKU TAL-KONSUMATURI

Matul l-aħħar deċennji, is-Settur tal-Konsumaturi tal-UE għadda minn bidliet radikali, u bħalissa qed jaffronta għadd ta' sfidi li jxekklu l-ħila tas-settur li jikkontribwixxi bis-sħiħ għall-miri tal-Ewropa 2020 għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.

Għalhekk, hija essenzjali li tiġi proposta strateġija biex jinkiseb Suq Uniku li jaħdem tajjeb fis-Settur tal-Konsumaturi, u b'hekk jikkontribwixxi għall-koeżjoni territorjali u soċjali tal-UE– permezz ta' aċċess aħjar għal servizzi għall-konsumaturi aktar sostenibbli u kompetittivi. Strateġija bħal din tagħti kontribut sostanzjali lit-tkabbir ekonomiku, u permezz tagħha l-bejjiegħa jkunu jistgħu jipprovdu valur saħansitra akbar lill-konsumaturi Ewropej.

### 2.1 Bidla fis-Settur tal-Konsumaturi

Matul l-aħħar żewġ deċennji, l-immodernizzar tal-ekonomija tal-UE wassal għal ħafna bidliet fis-settur tal-konsumaturi. Tfaċċaw netwerks ta' punti ta' bejgħ għal għadd ta' linji ta' prodotti. Permezz ta-integrazzjoni vertikali l-bejjiegħa setgħu jibbenefikaw minn distribuzzjoni u logistika aktar effiċjenti. Il-bejjiegħa l-kbar waslu biex jibbenefikaw minn ekonomiji ta' skala sinifikanti fil-proċess tax-xiri, u b'hekk kibret is-saħħa tagħhom fin-negozjar fil-konfront tal-fornituri. Xiri ċentralizzat wassal għal internazzjonalizzazzjoni gradwali tal-provvista, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll meta jsir xiri minn pajjiżi terzi. Alleanzi ta' xiri u gruppi ta' bejjiegħa indipendenti li huma SMEs inħolqu biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u biex jibbenefikaw minn ekonomiji ta' skala. Fl-aħħarnett, l-għan tal-bejjiegħa li jirreaġixxu aħjar għad-domanda tal-konsumaturi wassal sabiex iżidu l-kontroll tagħhom fuq fil-katina tal-provvista (eż., permezz ta' tikketti privati)[11].

Flimkien, dawn il-bidliet wasslu għal żieda fl-għadd ta' punti ta' bejgħ, formati u linji tal-prodotti, u tnaqqis relattiv fil-prezzijiet finali għall-konsumatur. Madankollu, kompetizzjoni akbar u marġni mnaqqra wasslu wkoll sabiex ifallu ħafna ħwienet indipendenti żgħar u produtturi/fornituri li huma SMEs. Pressjoni akbar fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol mhux neċessarjament ipproduċiet vantaġġi għall-konsumaturi, u xi drabi saħansitra kabbret l-impatt ambjentali tal-UE.

### 2.2 Is-Settur tal-Konsumaturi jiffaċċja diversi sfidi

Attwalment, il-bejjiegħa jaffrontaw diversi sfidi skont id-daqs u s-setturi ta' attivitajiet tagħhom. L-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku ukoll qed jagħmel pressjoni fuq is-settur tal-konsumaturi biex ifassal mill-ġdid il-mudelli kummerċjali tiegħu. Barra minn hekk, distinzjoni anqas ċara bejn is-setturi (l-ambitu tas-servizzi għall-konsumaturi jkompli jwessa' l-inklużjoni kostanti ta' prodotti u servizzi ġodda, inklużi dawk finanzjarji, it-telekomunikazzjonijiet u servizzi tal-ivvjaġġar, l-utilitajiet, eċċ.) tfisser li l-mudelli kummerċjali qegħdin isiru dejjem iktar multidimensjonali. Fenomeni globali, bħalma huma l-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja fuq il-kapaċità ta' akkwist tal-konsumaturi, il-prezzijiet dejjem jogħlew tal-komoditajiet, ix-xejriet demografiċi, b'mod partikolari t-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-UE, u l-ixprunar tas-sostenibbiltà, kollha joffru sfida għall-mudelli u l-proċessi kummerċjali eżistenti.

Kif spjegat hawn fuq, l-isfidi fis-settur tal-konsumaturi jistgħu jkunu differenti għal tipi differenti ta' bejjiegħa u jistgħu jvarjaw bejn l-Istati Membri minħabba differenzi fis-swieq nazzjonali. Pereżempju, qed jitfaċċaw teknoloġiji ġodda biex isiru pagamenti permezz ta'

---

[11] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja ir-Rapport ta' Sorveljanza tas-Suq tal-Konsumaturi (SEC (2010) 807), p. 11.

smartphones (pagamenti bil-mowbajl). Madankollu, dan jesiġi l-istabbiliment tal-infrastruttura meħtieġa għall-aċċettazzjoni ta' dawn il-pagamenti fil-punt tal-bejgħ. Għall-bejjiegħa l-kbar, li joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed, waħda mill-isfidi ewlenin f'dan ir-rigward hija n-nuqqas ta' standards pan-Ewropej għall-aċċettazzjoni ta' pagamenti bil-mowbajl. Il-bejjiegħa ż-żgħar jistgħu mhux dejjem ikollhom il-ħiliet neċessarji biex jittrattaw teknoloġiji ġodda.

### 2.3 Suq Uniku tal-Konsumaturi għall-benefiċċju tal-atturi kollha

L-indirizzar tal-ostakli ewlenin fil-kisba tas-Suq Uniku tal-Konsumaturi għandu l-potenzjal li jissarraf f'benefiċċji għal dawk kollha kkonċernati, u l-ambjent:

– *Il-Konsumaturi*: aċċess imtejjeb għal prodotti u servizzi ta' kwalità għall-konsumaturi, prezzijiet aktar kompetittivi u informazzjoni aħjar dwar il-kwalità u l-prezzijiet, kif ukoll dwar il-karatteristiċi ambjentali tal-prodotti, ikunu qed iżidu l-għażla għall-konsumatur kemm fi ħdan il-formati ta' stabbilimenti tradizzjonali kif ukoll f'dawk ta' kummerċ elettroniku.

– *In-Negozji*: il-bejjiegħa u l-fornituri tagħhom, speċjalment l-SMEs, ikunu se jibbenefikaw b'mod tanġibbli mis-Suq Uniku permezz tal-iżvilupp ta' ambjent legali iktar prevedibbli, li permezz tiegħu jistgħu saħansitra jipprovdu valur akbar fil-katina tal-provvista kollha. Bl-istess mod, billi jiġu indirizzati l-inġustizzji fil-katina tal-provvista, l-atturi fil-fażijiet inizjali tal-katina u dawk sussegwenti jkollhom relazzjonijiet aktar sostenibbli u jkunu mħeġġa jżidu kemm l-innovazzjoni kif ukoll l-investiment. Żvilupp ulterjuri tal-kummerċ elettroniku se jiffavorixxi lill-bejjiegħa billi jipprovdilhom aktar opportunitajiet biex isibu swieq ġodda.

– *L-Impjegati*: is-settur tal-konsumaturi għandu jibbenefika minn persunal aktar ikkwalifikat u kundizzjonijiet imtejba tax-xogħol, li jwasslu għal sodisfazzjon ogħla fix-xogħol. Taħriġ aħjar tal-impjegati jgħin ukoll biex jiġu pprovduti opportunitajiet aħjar ta' xogħol, speċjalment għal dawk li huma iżgħar fl-età u inqas kwalifikati.

Dawn il-kwistjonijiet varji ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod iżolat. L-azzjonijiet ta' politika proposti jridu jsibu l-aħjar bilanċ bejn il-libertajiet ekonomiċi u l-għanijiet ta' interess pubbliku. Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi Pjan ta' Azzjoni Ewropea għall-Konsumaturi bbażat fuq 11-il azzjoni konkreta, li jiffurmaw strateġija Ewropea koerenti, olistika[12].

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se twaqqaf ***Grupp permanenti dwar il-Kompetittività fis-Settur tal-Konsumaturi*** li jinvolvi l-Istati Membri u l-partijiet interessati rilevanti kollha, speċjalment l-SMEs, biex jiskatta r-"rifless tas-settur tal-konsumaturi" fl-aġenda politika, u b'hekk jiżdied l-għarfien dwar kwistjonijiet u tħassib li jikkonċernaw dan is-settur. Dan il-Grupp se jgħin biex jiġu żviluppati iktar għanijiet speċifiċi għall-oqmsa identifikati, jiġi mmonitorjat il-progress miksub, jinħarġu rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet inklużi f'dan il-Pjan u, fejn meħtieġ, jingħata parir lill-Kummissjoni dwar azzjonijiet ġodda addizzjonali li jistgħu jiġu proposti.

---

12 L-approċċ propost huwa konformi mal-prinċipji mħabbra fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *"Idoneità Regolatorja tal-UE"* (COM(2012) 746 finali tat-12 ta' Diċembru 2012). F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni hija impenjata li tirrevedi l-leġiżlazzjoni eżistenti fis-settur tal-konsumaturi bil-ħsieb li tidentifika l-potenzjali tissemplifika r-regoli u tnaqqas l-ispejjeż regolatorji għan-negozji u ċ-ċittadini mingħajr ma tikkomprometti l-għanijiet ta' politika pubblika.

## 3. ĦAMES KATALIZZATURI EWLENIN GĦAL SERVIZZI GĦALL-KONSUMATURI AKTAR KOMPETITTIVI U SOSTENIBBLI

Il-Kummissjoni identifikat dawn il-ħames prijoritajiet ewlenin:

(1) *Għoti ta' setgħa lill-konsumaturi* - permezz, fost oħrajn, ta' informazzjoni aktar trasparenti, aktar affidabbli u aktar direttament komparabbli dwar il-prezz u l-kwalità tal-prodotti.

(2) *Aċċess imtejjeb għal servizzi għall-konsumaturi aktar sostenibbli u kompetittivi* - kemm il-bejgħ lill-konsumaturi f'stabbilimenti tradizzjonali kif ukoll dak permezz tal-kummerċ elettroniku jistgħu jibbenefikaw minn aċċess imtejjeb għas-suq, b'mod partikolari permezz ta' regoli tal-istabbiliment aktar ċari u trasparenti.

(3) *Relazzjonijiet kummerċjali aktar ġusti u sostenibbli tul il-katina kollha ta' provvista għall-konsumaturi* – il-partijiet interessati jibbenefikaw minn qafas li effettivament jindirizza l-prattiki kummerċjali inġusti.

(4) *Soluzzjonijiet aktar innovattivi* - partijiet interessati jibbenefikaw jekk ir-riżultati tar-riċerka jiġu introdotti aktar malajr fis-suq.

(5) *Ambjent tax-xogħol aħjar* - kemm l-impjegati kif ukoll dawk li jħaddmu se jibbenefikaw mill-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u billi jiġu indirizzati xi diskrepanzi bejn il-ħiliet meħtieġa u dawk disponibbli.

### 3.1 L-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi

L-Aġenda Ewropea tal-Konsumaturi[13] enfasizzat li l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi f'Suq Uniku integrat jesiġi sett b'saħħtu ta' prinċipji u għodod. Tali qafas jiżgura infurzar xieraq tad-drittijiet tal-konsumatur, kif ukoll l-aċċess għal rimedju effettiv, informazzjoni affidabbli u sinifikanti u edukazzjoni mtejba tal-konsumatur.

Il-konsumaturi mogħtija s-setgħa jistgħu jagħmlu deċiżjonijiet aħjar ta' akkwist. Dawn ifittxu l-informazzjoni u jużawha. Jafu wkoll id-drittijiet tagħhom u jużawhom. Konsumaturi aktar infurmati u involuti, mhux biss huma aktar kapaċi jsibu "*l-aħjar valur għal flushom*", iżda huma aktar interessati wkoll f'konsum sostenibbli u etiku. L-għażliet u l-preferenzi tal-konsumaturi huma fost il-fatturi ewlenin li jixprunaw l-iżvilupp tas-settur tal-konsumaturi. Il-bejjiegħa huma f'pożizzjoni tajba biex jinformaw id-deċiżjonijiet ta' akkwist tal-konsumatur b'mod pożittiv: permezz ta' kuntatt ta' kuljum mal-klijenti tagħhom u l-influwenza li għandhom fuq atturi oħra fil-katina tal-provvista, il-bejjiegħa jistgħu jinfurmaw lill-konsumaturi dwar prodotti li huma ta' kwalità għolja, magħmulin b'mod etiku, jew li jintgħarfu mill-prestazzjoni ambjentali u/jew soċjali aħjar tagħhom.

Billi titjieb it-trasparenza għall-konsumaturi, is-settur tal-konsumaturi għandu l-potenzjal li joħloq verament Suq Uniku tal-Konsumaturi. Jekk il-konsumaturi jingħataw aċċess aktar faċli għal informazzjoni affidabbli, rilevanti u sinifikanti dwar il-varjetà ta' offerti disponibbli madwar l-UE dawn ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mis-Suq Uniku. L-iffaċilitar tat-tqabbil tal-offerti jkun jista' jgħin lill-konsumaturi jagħżlu l-prodotti u s-servizzi li jissodifsaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tagħhom, u b'hekk tiġi promossa kompetizzjoni b'saħħitha. Flimkien

[13] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni "*Aġenda għall-Konsumaturi Ewropej - Spinta lill-fiduċja u lit-tkabbir*" (COM(2012) 225 finali tat-22 ta' Mejju 2012)

ma' miżuri oħra li jistgħu jindirizzaw il-każijiet persistenti ta’ frammentazzjoni fis-suq tal-UE, dan għandu jikkontribwixxi lejn il-konverġenza fil-prezzijiet mal-UE kollha. Azzjonijiet biex titjieb it-trasparenza u l-affidabbiltà tal-informazzjoni għall-konsumaturi jkunu ta’ benefiċċju partikolari jekk implimentati fil-livell tal-UE, peress li miżuri strettament nazzjonali, irrispettivament minn kemm ikunu mfassla b'mod tajjeb, jisfruttaw il-benefiċċji li jistgħu jirriżultaw minn Suq Uniku verament integrat.

### *3.1.1 Informazzjoni għall-Konsumatur*

Skont riċerka eżistenti, il-maġġoranza tal-Ewropej jużaw it-tfittxija fuq l-Internet għall-informazzjoni sabiex iqabblu l-prezzijiet jew il-kwalità, qabel jixtru oġġetti onlajn jew offlajn. Billi dawn jiffaċċjaw informazzjoni eċċessiva, ħafna drabi jduru għal intermedjarji, bħal għodod tat-tqabbil onlajn, li jistgħu jgħinuhom jidentifikaw l-aħjar offerti disponibbli. Għalkemm dan it-tip ta' websajts jistgħu jgħinu lill-konsumaturi jqabblu l-offerti, il-prattiki ta' intermedjarji tal-informazzjoni bħal dawn ukoll juru nuqqasijiet sinifikanti[14]. Biex verament ikunu ta’ benefiċċju għall-konsumaturi, għodod tat-tqabbil għandhom ikunu rilevanti għall-ħtiġijiet tagħhom, kif ukoll trasparenti, affidabbli u komprensivi u faċilment aċċessibbli. L-inklużjoni ta' offerti transfruntiera minn websajts ta' tqabbil huma importanti għall-konsumaturi biex ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mis-Suq Uniku.

Barra minn hekk, informazzjoni aħjar għall-konsumatur ma tinvolvix biss sensibilizzazzjoni akbar tal-konsumatur sabiex issostni l-ħila tagħhom li jiddefendu d-drittijiet tagħhom, iżda żżid ukoll l-għarfien tan-negozji fir-rigward tal-obbligi tagħhom li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar il-konsumaturi applikabbli fis-Suq Uniku.

Kif indikat fl-Aġenda Ewropea dwar il-Konsumaturi u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Kummerċ Elettroniku, il-Kummissjoni se taħdem ma' intermedjarji u negozjanti bil-għan li jiġu żviluppati kodiċi ta' kondotta tajba, linji gwida ta’ prattika tajba, u/jew għodod oħra għat-tqabbil ta' prezzijiet, skont xi jkun l-aktar xieraq.

Minbarra dan, bħala parti mill-Aġenda Diġitali, il-Kodiċi tal-UE għad-drittijiet onlajn jiġbor drittijiet legali u tal-konsumaturi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE relatati mal-ambjent diġitali b'mod trasparenti u komprensiv. Il-Kodiċi huwa għodda importanti biex jispira l-fiduċja u l-kunfidenza fost il-konsumaturi u jikkontribwixxi lejn użu akbar tas-servizzi onlajn[15].

### *3.1.2 Għazliet għall-Konsumatur Aktar Sostenibbli*

Il-prestazzjoni ambjentali ta' organizzazzjonijiet u prodotti hija attwalment imkejla u kkomunikata bl-użu ta' sensiela ta' kanali u formati, taħt inizjattivi pubbliċi u privati differenti, b'livelli differenti ta' ambizzjoni, u bl-użu ta' metodoloġiji differenti ta' valutazzjoni. Dan iwassal għal xenarji differenti ta' tikkettar, dikjarazzjonijiet u skemi ta' rappurtar. L-introduzzjoni ta' metodoloġiji Ewropej armonizzati se twassal għal aktar trasparenza għall-konsumaturi. Fl-iżvilupp ta' dawn il-metodoloġiji, il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm kundizzjonijiet indaqs għan-negozji u li l-ispejjeż jinżammu fl-aktar livell baxx possibbli, speċjalment għall-SMEs.

| ***Azzjonijiet:*** |
|---|

[14] Consumer market study on the functioning of e-commerce and internet market and selling techniques in the retail of goods, CIVIC consulting, 2011: http://ec.europa.eu/consumers/consumer_research/market_studies/e_commerce_study_en.htm

[15] https://ec.europa.eu/digital-agenda/en/code-eu-online-rights

| | |
|---|---|
| *(1)* | *Permezz ta' djalogu mal-partijiet interessati, il-Kummissjoni se tiżviluppa linji gwida ta' prattika tajba u/jew kodiċi ta' kondotta biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-konsumaturi għal informazzjoni trasparenti u affidabbli, li tagħmilha iktar faċli li jitqabblu l-prezzijiet, il-kwalità u s-sostenibbiltà ta' oġġetti u servizzi.* |
| *(2)* | *Il-Kummissjoni Ewropea se tipproponi metodoloġiji Ewropej għall-kejl u l-komunikazzjoni tal-impatt ambjentali kumplessiv tal-prodotti u l-organizzazzjonijiet.* |

## 3.2 Aċċess għal Servizzi għall-Konsumaturi Aktar Kompetittivi

L-aċċessibbiltà ta' servizzi għall-konsumaturi żdied b'mod sostanzjali f'dawn l-aħħar snin, kemm mil-lat ta' lokalizzazzjoni kif ukoll mil-lat ta' disponibbiltà. L-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku sar parti integrali mill-mudelli kummerċjali tal-bejjiegħa, biex b'hekk żdiedet il-firxa ta' prodotti/servizzi disponibbli u l-iffaċilitar tat-tqabbil tal-prezzijiet. Madankollu, għadd ta' kwistjonijiet għad iridu jiġu indirizzati biex tingħata spinta lill-kompetizzjoni fil-qasam tas-servizzi għall-konsumaturi.

Il-ħtiega li jiġu eliminati ostakli eżistenti għall-istabbiliment u, b'mod aktar ġenerali, biex tissaħħaħ il-kompetizzjoni fis-settur tal-konsumaturi, kienet waħda mis-CSRs ewlenin li rriżultaw mis-Semestru Ewropew tal-2012 li l-mira tiegħu kien li jwassal aktar tkabbir u impjiegi għall-Ewropa. L-introduzzjoni ta' miżuri favur il-kompetizzjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mal-kummerċ elettroniku, tista' ssaħħaħ is-Suq Uniku, speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, skont ċerti stimi riċenti[16], l-impatt ekonomiku tad-Direttiva dwar is-Servizzi jista' jwassal għal żieda sa 2.6% tal-PDG tal-UE jekk tiġi implimentata bis-sħiħ. Billi s-setturi tal-konsumaturi u tal-operaturi jirrappreżentaw kwart tal-valur miżjud tas-setturi kollha koperti mid-Direttiva dwar is-Servizzi, l-impatt tat-tneħħija tal-ostakli li għad fadal f'dawn is-setturi għandu jkun sinifikanti.

### *3.2.1 Stabbiliment Kummerċjali*

Il-kompetizzjoni bejn il-bejjiegħa tista' tingħata spinta billi jiġi ffaċilitat id-dħul fis-suq. L-għażla tal-lokalizzazzjoni tajba għall-żvilupp ta' attività fil-livell tal-konsumaturi u l-bidu tal-operazzjonijiet f'waqthom huma deċiżivi għas-suċċess tan-negozju. L-eżekuzzjoni tiddependi mhux biss fuq id-disponibbiltà ta' proprjetà immobbli adegwata, iżda wkoll fuq l-eżistenza ta' regoli tal-ippjanar kummerċjali u spazjali u proċeduri li ma jxekklux b'mod mhux xieraq il-kompetizzjoni.

Ir-responsabbiltà li jiġi żgurat żvilupp territorjali bilanċjat u sostenibbli tinsab primarjament f'idejn l-Istati Membri. L-azzjoni tagħhom tista' twassal għal restrizzjonijiet dwar il-lokalizzazzjoni jew il-firxa ta' prodotti/servizzi li jistgħu joffru l-bejjiegħa. Tali restrizzjonijiet għandhom impatt kbir fuq: (i) l-organizzazzjoni territorjali (eż., it-traffiku u l-infrastruttura tat-trasport); (ii) il-possibbiltajiet għan-negozji biex jiftħu u jħaddmu l-ħwienet; (iii) il-formati tal-bejjiegħa; u (iv) l-għazla tal-konsumaturi. Kif ġie rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment kummerċjali jistgħu jkunu ġustifikati minn raġunijiet prevalenti fl-interess pubbliku, bħall-protezzjoni tal-ambjent, l-ippjanar ta' bliet u rħula u l-protezzjoni tal-konsumatur, sakemm dawn ikunu xierqa u proporzjonati[17].

---

[16] http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/economic_paper/2012/ecp456_en.htm

[17] Ara s-sentenza tal-QĠUE C-400/08, *il-Kummissjoni v/Spanja* tal-24 ta' Marzu 2011.

Huwa għalhekk importanti li jiġi żgurat, fuq naħa, ir-rispett tal-libertà ta' stabbiliment u li tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, u, min-naħa l-oħra, ir-rispett lejn l-għanijiet u l-interessi rilevanti oħra mnaqqxa fil-politiki ġenerali tal-UE. Jinħtieġ approċċ bilanċjat li jista' jqis, fost oħrajn, l-ippjanar għal żvilupp sostenibbli, għall-koeżjoni territorjali, u għal kwalità għolja kemm tal-ħajja urbana kif ukoll dik rurali, kif ukoll l-imminimizzar tal-impatti ambjentali[18].

Id-Direttiva dwar is-Servizzi, li tapplika f'dan il-qasam, tinkludi wkoll għadd ta' obbligi inekwivokabbli għall-Istati Membri. Wieħed minn dawn huwa l-obbligu li jiġu eliminati rekwiżiti pprojbiti mid-Direttiva dwar is-Servizzi, bħal testijiet ekonomiċi li bihom l-awtorizzazzjoni biex titwettaq attività ta' servizz tiġi soġġetta għall-prova tal-eżistenza ta' ħtieġa ekonomika jew domanda tas-suq, valutazzjoni tal-effetti ekonomiċi potenzjali jew attwali tal-attività, jew valutazzjoni tal-idoneità tal-attività fir-rigward tal-għanijiet ta' ppjanar ekonomiku stabbiliti mill-awtorità kompetenti. Fil-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi[19], il-Kummissjoni ħabbret politika ta' tolleranza żero biex jiġu eliminati l-bqija tal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi inekwivokabbli bħal dak li jitneħħew it-testijiet ekonomiċi li għadhom japplikaw f'xi Stati Membri minkejja li ġie pprojbit permezz tad-Direttiva dwar is-Servizzi. Madankollu, politika ta' tolleranza żero ma tikkonċernax dawk ir-rekwiżiti ta' ppjanar li jaqdu raġunijiet prevalenti relatati mal-interess pubbliku[20].

Għalhekk, billi jitqiesu ċerti għanijiet importanti tal-UE bħall-koeżjoni territorjali u l-protezzjoni ambjentali, għandhom isiru sforzi biex jiġu identifikati u jixxerdu prattiki tajbin tal-ippjanar kummerċjali li jistgħu jiżguraw rabta li tirnexxi bejn settur tal-konsumaturi kompetittiv mal-iżvilupp ġust u sostenibbli tal-ibliet, l-irħula u ż-żoni rurali madwar l-Unjoni Ewropea.

### *3.2.2 Il-kummerċ elettroniku*

Il-firxa sinifikanti tal-kummerċ elettroniku wasslet għal kompetizzjoni mtejba bejn bejjiegħa tradizzjonali u kanali ta' distribuzzjoni onlajn, u qed tiġġenera opportunitajiet ġodda li jistgħu jissarrfu f'potenzjal ta' tkabbir sinifikanti. Madankollu, il-kummerċ elettroniku attwalment jirrappreżenta 5 % biss tat-total tal-bejgħ fil-livell tal-konsumaturi tal-UE[21], u 10 % biss taċ-ċittadini tal-UE xtraw xi ħaġa onlajn minn Stat Membru ieħor, filwaqt li 39 % jagħmlu hekk fl-Istat Membru tagħhom stess[22]. Dawn in-numri juru l-potenzjal estensiv tal-ekonomija diġitali li għadu ma ġiex esplorat. L-adattament għal dawn ir-realtajiet ġodda bl-iżvilupp ta' strateġiji multikanali, iwitti t-triq għall-SMEs sabiex jisfruttaw il-potenzjal għat-tkabbir marbut mal-kanal onlajn. Tabilħaqq, l-SMEs li jagħmlu użu sostanzjali mit-teknoloġiji tal-internet jikbru u jesportaw id-doppju tal-oħrajn. Dawn joħolqu wkoll id-doppju tal-impjiegi[23].

---

18 Biex tiġi vvalutata l-idoneità ta' miżuri ambjentali, se jintużaw diversi għodod, inkluża d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Strateġika Ambjentali (SEA) (Direttiva 2001/42/KE). Barra minn hekk, għal proġetti konkreti bħall-kostruzzjoni ta' ċentri kummerċjali u parkeġġi għall-karozzi, għandu jitwettaq "skrinjar" skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar l-Istima tal-Impatt Ambjentali (EIA) (id-Direttiva 2011/92/UE), li abbażi tiegħu se jiġi deċiż jekk hijiex meħtieġa proċedura sħiħa ta' EIA.

19 COM(2012) 261 finali.

20 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ghall-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi (DĦP (2012) 148 finali tat-8 ta' Ġunju 2012).

21 Sors: Eurostat, ICT usage and e-commerce in enterprises, 2011.

22 Sors: Eurostat, ICT usage in households and by individuals, 2011.

23 Internet Matters, the net's sweeping impact on growth, jobs, and prosperity, McKinsey Global institute, Mejju 2011.

Pereżempju, 97% tal-"bejjiegħa kummerċjali" ta' eBay, inkluż 94 % tal-iżgħar 10% tal-"bejjiegħa kummerċjali", ibiegħu prodotti barra minn pajjiżhom[24]. Dan juri li, b'investiment limitat, l-SMEs jistgħu jużaw pjattaforma onlajn biex jilħqu swieq barranin u jiżviluppaw attività transfruntiera potenzjalment sinifikanti. F'dan l-ambjent li qed jinbidel, il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib l-iżviluppi kemm fis-swieq tal-konsumaturi onlajn kif ukoll dawk offlajn, teżamina r-rwoli rispettivi tagħhom fil-bejgħ modern lill-konsumaturi, u tfassal l-azzjonijiet possibbli tagħha sabiex tirreaġixxi b'mod pożittiv għal dan id-dinamiżmu.

F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi vverifikat li l-proposti leġiżlattivi ġodda ma jkollhom l-ebda impatt negattiv fuq il-bejgħ tradizzjonali jew il-kummerċ elettroniku, speċjalment fir-rigward tal-bejgħ transfruntiera. Għalhekk hija meħtieġa riflessjoni bir-reqqa meta tiġi kkunsidrata kwalunkwe proposta leġiżlattiva ġdida. Il-Kummissjoni se teżamina b'mod proattiv dawn il-kwistjonijiet fil-ħidma ta' tħejjija fuq il-proposti ġodda kollha ta' dan it-tip.

***<u>Azzjonijiet:</u>***

*(3)* *L-Istati Membri għandhom ineħħu l-każijiet kollha li għad fadal ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi inekwivokabbli taħt id-Direttiva dwar is-Servizzi li jikkonċernaw l-aċċess għal, u l-eżerċitar ta', attivitajiet fil-livell tal-konsumaturi, inkluża l-eliminazzjoni tat-testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 14§5 tad-Direttiva dwar is-Servizzi. Il-Kummissjoni se tapplika l-politika ta' tolleranza żero tagħha permezz ta' proċeduri ta' ksur fejn meħtieġ.*

*(4)* *Il-Kummissjoni se:*

*a)* *Tniedi verifika tal-prestazzjoni fis-settur tal-konsumaturi biex tesplora kif inhuma applikati b'mod prattiku regoli ta' ppjanar kummerċjali u spazjali mill-awtoritajiet kompetenti meta fornitur potenzjali ta' servizz jixtieq jistabbilixxi punt ta' bejgħ żgħir, medju jew kbir għall-konsumaturi.*

*b)* *Tipprovdi aktar ċarezza, permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki, fir-rigward tal-bilanċ xieraq bejn il-libertà tal-istabbiliment, l-ippjanar spazjali/kummerċjali, u l-protezzjoni ambjentali u soċjali.*

### 3.3 L-iżvilupp ta' Katina tal-Provvista Alimentari u Mhux Alimentari aktar bilanċjata minn Negozju għal Negozju

Prattiki Kummerċjali Inġusti (Unfair Trading Practices - UTPs) huma prattiki u termini li jitbiegħdu ħafna minn imġiba kummerċjali tajba u li jmorru kontra n-negozjar *bona fide* u ġust f'relazzjonijiet bejn in-negozji. Il-katina tal-provvista alimentari u mhux alimentari minn negozju għal negozju (business-to-business - B2B) hija l-katina ta' tranżazzjonijiet bejn l-intrapriżi jew bejn l-intrapriżi u l-awtoritajiet pubbliċi li jwasslu għall-kunsinna ta' oġġetti destinati l-aktar għall-pubbliku ġenerali għal użu jew konsum personali jew domestiku. Hija komposta minn għadd ta' atturi (produtturi/proċessuri/distributuri). Katina tal-provvista alimentari u mhux alimentari B2B li taħdem tajjeb hija kruċjali sabiex jinkiseb il-potenzjal ekonomiku massimu għal dawk is-sottosetturi. UTPs huma normalment imposti f'sitwazzjoni żbilanċjata ta' poter minn parti aktar b'saħħitha fuq waħda aktar dgħajfa.

Relazzjonijiet B2B ġusti jiżguraw il-funzjonament adegwat tal-katina ta' provvista alimentari u mhux alimentari B2B. Huwa allegat li l-impatt negattiv tal-UTPs jista' jolqot il-kapaċità ta'

[24] Sors: Studju eBay, "Enabling traders to enter and grow on the global stage", Ġunju 2012.

kumpaniji, b'mod speċjali l-SMEs, li jinvestu u jagħmlu innovazzjonijiet. Eżempju ta' UTP jista' jkun il-każ ta' prattiki li permezz tagħhom il-bejjiegħa jkunu jistgħu jittrasferixxu lura lill-fornituri parti mir-riskju involut fil-bejgħ. Dan jista' jiġi applikat f'każ ta' livell baxx ta' bejgħ, skonti fuq il-bejgħ, inventarju ta' tmiem l-istaġun, eċċ. Eżempju ieħor ta' UTP jista' jkun il-każ fejn ir-restrizzjonijiet fuq il-provvista territorjali imposti minn ċerti fornituri multinazzjonali jimpedixxu lill-bejjiegħa jfornu merkanzija identika b'mod transfruntiera minn post ċentrali minn fejn tista' tiġi distribwita lil Stati Membri oħra. Tali restrizzjonijiet jaqsmu s-suq u jistgħu jirriżultaw f'differenzi sinifikanti fil-prezzijiet għall-operaturi bejn il-pajjiżi. L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet ikun qed inaqqas dawn id-differenzi u jgħin lill-bejjiegħa jwasslu l-benefiċċji tas-Suq Uniku għand il-konsumaturi.

Jeżistu metodi differenti biex jiġu indirizzati UTPs fil-livell nazzjonali. Fejn huma indirizzati l-UTPs, regoli nazzjonali (regolatorji jew awtoregolatorji) normalment ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Fl-Istati Membri fejn ma jeżisti l-ebda qafas speċifiku dwar il-UTPs, ir-raġunament ipprovdut normalment huwa li l-liġi ġenerali dwar il-kompetizzjoni hija effettiva biżżejjed biex tindirizza l-kwistjoni jew mhemmx ix-xewqa li jkun hemm indħil fil-libertà kuntrattwali tal-partijiet, speċjalment fin-nuqqas ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni.

Fis-settur alimentari, il-ħidma fil-Forum ta' Livell Għoli għal Katina tal-Provvista Alimentari li Taħdem Aħjar, irrappreżentat sforz kollettiv mill-partijiet interessati biex titressaq soluzzjoni awtoregolatorja għal din il-problema. Il-Pjattaforma Esperta dwar Prattiki Kuntrattwali B2B tat sett ta' prinċipji ta' prattiki ġusti f'relazzjonijiet vertikali fil-katina tal-provvista alimentari iffirmata minn ħdax-il organizzazzjoni li jirrappreżentaw interessi differenti fil-katina Ewropea tal-provvista alimentari[25] u qed taħdem fuq mekkaniżmu ta' infurzar. Minkejja sforzi komuni, il-qafas propost ma kisibx l-appoġġ tar-rappreżentanti mill-katina tal-provvista kollha kemm hi u ma rnexxilhiex tidentifika rimedji effettivi għal nuqqas ta' konformità. Bħalissa għaddejja ħidma biex jinstab kompromess permezz ta' dan l-approċċ speċifiku għas-settur, u l-Kummissjoni se tkompli tissorvelja l-iżviluppi speċifiċi fil-katina tal-provvista alimentari.

Sabiex jiġi żgurat li jinstabu soluzzjonijiet effettivi, il-kwistjoni tal-UTPs fir-relazzjonijiet tul il-katina tal-provvista B2B kollha għandha tiġi indirizzata permezz ta' perspettiva usa'. L-evoluzzjoni fis-settur tal-konsumaturi, b'mod partikolari l-formati "imħallta", ifissru li jistgħu jseħħu UTPs f'setturi oħra fil-katina tal-provvista alimentari u mhux alimentari B2B.

### *3.3.1 L-indirizzar tal-UTPs*

Bħala parti minn dan il-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni qed tadotta b'mod parallel Green Paper dwar UTPs fil-katina tal-provvista alimentari u mhux alimentari B2B. Il-Green Paper se tiftaħ konsultazzjoni dwar dan is-suġġett, li r-riżultati tagħha huma mistennija li jkunu disponibbli minn tmiem ir-rebbiegħa tal-2013. Abbażi tar-riżultati tal-konsultazzjoni, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-passi xierqa li jmiss fl-2013.

***Azzjoni:***

*(5) Il-Kummissjoni se tadotta Green Paper li tagħti dettalji dwar il-karatteristiċi komuni ta' UTPs fil-katina tal-provvista alimentari u mhux alimentari B2B u tiftaħ konsultazzjoni li r-riżultati tagħha se jkunu disponibbli sa lejn l-aħħar tar-rebbiegħa tal-2013. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni se jikkontribwixxu għall-*

[25] AIM, CEJA, CELCAA, CLITRAVI, Copa-Cogeca, ERRT, EuroCommerce, EuroCoop, FoodDrinkEurope, UEAPME u UGAL.

*valutazzjoni tal-impatt tal-opzjonijiet differenti identifikati biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni fil-livell tal-UE.*

### 3.4 L-Iżvilupp ta' Katina tal-Provvista Aktar Sostenibbli għall-Konsumaturi

Li tiġi ottimizzata l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tal-konsumaturi u dak tal-operaturi tal-UE (pereżempju, billi jitnaqqsu l-ħela relatata mal-ikel u l-imballaġġ żejjed, kif ukoll billi jiġi promoss il-forniment sostenibbli) tista' tirriżulta fi standards aħjar tal-għajxien u kwalità tal-ħajja aħjar fl-UE, filwaqt li fl-istess ħin jiġu ffrankati riżorsi u jiġu appoġġati SMEs innovattivi li jippromwovu attivitajiet tajbin għall-ambjent.

#### *3.4.1 Produzzjoni u Konsum Aktar Sostenibbli*

Il-bejjiegħa jinsabu f'pożizzjoni kruċjali biex jippromwovu xejriet tal-konsum aktar sostenibbli, mhux biss permezz tal-kuntatt tagħhom ta' kuljum ma' miljuni ta' konsumaturi Ewropej, iżda wkoll permezz tal-azzjonijiet tagħhom stess u permezz tas-sħubiji tagħhom mal-fornituri. Riżultati mir-riċerka[26] juru li huwa kruċjali li l-bejjiegħa jirsistu biex joffru firxiet ta' prodotti li huma aktar sostenibbli u tajbin għall-ambjent u għalhekk issir tranżizzjoni lejn katini ta' provvista aktar ekoloġiċi[27]. Xi bejjiegħa diġà żviluppaw strateġiji bħal dawn, u implimentawhom b'suċċess bħala parti mill-prattiki kummerċjali tagħhom ta' kuljum.

Il-bejjiegħa għandhom rwol importanti biex jiggwidaw il-konsumaturi lejn għażliet aktar sostenibbli u biex tiġi indirizzata l-konfużjoni li ġejja minn ħafna ekotikketti u dikjarazzjonijiet, billi jiġu promossi impronti ambjentali ċari u kumparabbli għall-prodotti[28] kif ukoll sensibilizzazzjoni dwar l-Ekotikketta tal-UE.

Kwistjoni ewlenija oħra hija l-kwistjoni tal-iffrankar tal-enerġija. Il-titjib potenzjali fl-effiċjenza enerġetika għall-bejjiegħa tal-ikel huwa partikolarment kbir. L-aktar miżuri importanti ikunu qed ikopru kontenituri għall-wiri, u l-irkupru tas-sħana mitlufa mir-refriġerazzjoni biex tintuża għat-tisħin ta' spazju, kif ukoll l-użu ta' refriġeranti naturali[29].

#### *3.4.2 Anqas Ħela fl-Ikel*

Li tiżdied is-sensibilizzazzjoni u li l-konsumaturi jiġu megħjuna biex jiġġieldu l-ħela fl-ikel huma vitali biex jinkisbu xejriet sostenibbli fl-għażliet tal-konsumatur. Din il-ħela tirriżulta minn: (i) ineffiċjenza fil-katini ta' provvista; (ii) ineffiċjenzi fil-ġestjoni tal-istokkijiet; (iii) strateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni; u (iv) standards ta' kummerċjalizzazzjoni (prodott

---

[26] Pereżempju, id-Dokument ta' Referenza Settorjali tal-EMAS tal-UE dwar l-Aħjar Prattiki ta' Ġestjoni Ambjentali (Best Environmental Management Practices - BEMPs) fis-Settur tal-Kummerċ fil-livell tal-Konsumaturi.

[27] JRC/IPTS Pilot Reference Document on Best Environmental Management Practice in the Retail Trade Sector (2011), http://susproc.jrc.ec.europa.eu/activities/emas/documents/RetailTradeSector.pdf u JRC/IPTS (Styles et al), Environmental Improvement of Product Supply Chains: A Review of European Retailer' Performance, Resources, Conservation and Recycling 65 (2012) 57-78, u, Environmental Improvement of Product Supply Chains: Proposed Best Practice Techniques, Quantitative Indicators and Benchmarks of Excellence for Retailers, Journal of Environmental Management 110 (2012) 135-150.

[28] Kif imħabbar fl-Att dwar is-Suq Uniku, il-Kummissjoni se tadotta Komunikazzjoni dwar is-Suq Uniku għall-Prodotti Ekoloġiċi fl-2013 inklużi kriterji u metodoloġiji għall-impronti ambjentali għal ċerti kategoriji ta' prodotti.

[29] "JRC/IPTS Pilot Reference Document on Best Environmental Management Practice in the Retail Trade Sector" għal deskrizzjoni ta' tekniki biex tesplora l-potenzjal sinfikanti ta' ffrankar fl-enerġija tas-Settur tal-Konsumaturi.

irrifjutat minħabba kwistjonijiet ta' imballaġġ, fejn la l-kwalità u lanqas is-sikurezza alimentari mhuma milquta). Biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni urġenti, il-Kummissjoni qed tivvaluta kif tista' tillimita bl-aħjar mod il-ħela fl-ikel tul il-katina tal-provvista tal-ikel sabiex tilħaq il-mira li sal-2020 tnaqqas b'50 % l-ikel moħli li jista' jittiekel li ġiet stabbilita fil-Pjan Direzzjonali għall-Effiċjenza fir-Riżorsi.

Ir-rwol tal-bejjiegħa bħala intermedjarji huwa kruċjali biex tonqos il-ħela fl-ikel. Il-Forum tal-Kummerċ fil-livell tal-Konsumaturi dwar is-Sostenibbiltà[30] huwa pjattaforma b'bosta partijiet interessati stabbilita sabiex jiġu skambjati l-aħjar prattiki fuq is-sostenibbiltà fis-settur tal-konsumaturi tal-UE u jiġu identifikati opportunitajiet u ostakli li jistgħu javvanzaw jew ixekklu l-kisba ta' konsum u produzzjoni sostenibbli. Dan ġie stabbilit wara l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Politika Industrijali Sostenibbli[31] u diġà qed jindirizza kwistjonijiet ambjentali ewlenin inkluża l-ħela fl-ikel permezz ta' azzjoni volontarja komuni[32].

***Azzjonijiet:***

*(6) Fil-kuntest ta' Pjattaformi eżistenti tal-UE, il-Kummissjoni se tappoġġa l-bejjiegħa fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet biex titnaqqas il-ħela fl-ikel mingħajr ma tiġi kompromessa s-sikurezza alimentari (sensibilizzazzjoni, komunikazzjoni, iffaċilitar tat-tqassim mill-ġdid lill-banek tal-ikel, eċċ.) eż. Ftehim mas-Settur tal-Konsumaturi dwar il-Ħela; u ħidma fuq l-iżvilupp ta' politika fit-tul dwar il-ħela fl-ikel, inkluża Komunikazzjoni dwar l-Ikel Sostennibbli li għandha tiġi adottata fl-2013.*

*(7) Permezz ta' djalogu mal-partijiet interessati, il-Kummissjoni se tiddefinixxi l-aħjar prattiki biex jagħmlu katini tal-provvista aktar favur l-ambjent u sostenibbli u jiġi minimizzat il-konsum tal-energija mill-punti ta' bejgħ. Fil-kuntest ta' fora eżistenti, il-Kummissjoni se tinkoraġġixxi l-bejjiegħa japplikaw dawn l-aħjar prattiki.*

### 3.5 Jiġu żviluppati soluzzjonijiet aktar innovattivi

L-innovazzjoni hija waħda mill-aktar fatturi kruċjali fl-iżgurar ta' tkabbir ekonomiku. Il-bejjiegħa huma katalizzaturi ewlenin tal-innovazzjoni. Dawn isegwu mill-qrib xejriet tal-konsumaturi, li huma jgħinu wkoll fl-iffurmar tagħhom, u jgħaddu din l-informazzjoni lill-fornituri. Dawn jaġixxu bħala *"multiplikaturi tal-innovazzjoni*" li jadottaw u jużaw b'mod rapidu teknoloġiji ġodda tul il-katina tal-provvista kollha. Il-bejjiegħa huma fost l-ewwel utenti ta' teknoloġiji ġodda, u b'hekk jintroduċu l-innovazzjoni u valur miżjud fil-katina tal-bejgħ kollha kemm hi. Fis-settur tal-loġistika, pereżempju, permezz ta' mħażen intelliġenti tal-bejjiegħa, tagħbijiet tqal ikunu jistgħu jiġu mċaqalqa mingħajr sforz u b'mod aktar

[30] http://ec.europa.eu/environment/industry/retail/index_en.htm

[31] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni *"dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Politika Industrijali Sostenibbli - Pjan ta' Azzjoni"* 397 finali tas-16 ta' Lulju 2008).

[32] Il-Ftehim tas-Settur tal-Konsumaturi dwar l-Iskart (http://ec.europa.eu/environment/industry/retail/event_2012/pdf/retail-agreement-on-waste.pdf) ġie iffirmat f'Ottubru 2012, fl-avveniment annwali tal-Forum tal-Kummerċ fil-Livell tal-Konsumaturi, minn 19-il kumpanija u assoċjazzjoni fil-livell tal-konsumaturi li huma impenjati li jimplimentaw tal-anqas żewġ inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni dwar it-tnaqqis tal-iskart sa nofs l-2014.

mgħaġġel milli jistgħu jsiru manwalment, u b'hekk b'mod aktar effiċjenti, filwaqt li jonqos ir-riskju ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol u tiżdied il-produttività. Xi bejjiegħa żviluppaw ukoll faċilitajiet apposta li jippermettu l-ġbir u l-kunsinna ta' oġġetti ordnati onlajn, li jikkontribwixxu lejn katina tal-provvista aktar sostenibbli.

Madankollu, ħafna bejjiegħa fl-UE ma mmodernizzawx lilhom infushom malajr biżżejjed biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ta' teknoloġiji ġodda. Dan jista' jkun parzjalment dovut għall-karatteristiċi speċifiċi ta' servizzi għall-konsumaturi (eż., ikunu kkupjati faċilment, dejjem xprunati mill-klijent u ta' spiss ma jkunux teknoloġiċi u orjentati lejn is-servizz). Madankollu, f'kuntest internazzjonali, il-biċċa l-kbira tal-atturi fl-Istati Uniti jidhru bħala li investew ħafna fl-innovazzjoni fis-settur tal-konsumaturi.

Għaldaqstant, mekkaniżmi adegwati għandhom jiġu stabbiliti biex itejbu l-involviment tal-bejjiegħa fl-inizjattiva ewlenija tal-Unjoni tal-Innovazzjoni li tipprovdi għal strateġija ta' innovazzjoni komprensiva mir-riċerka sal-bejgħ lill-konsumatur[33]. Għandhom jiġu esplorati soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi biex tingħeleb il-frammentazzjoni tas-swieq minħabba reġimi regolatorji diverġenti bejn l-Istati Membri, u biex jittaffew regoli mandatorji ta' piż u li jiswew ħafna flus. L-introduzzjoni aktar malajr fis-suq tar-riżultati u l-ideat permezz ta' involviment aħjar tal-bejjiegħa f'dan il-proċess għandha tagħti spinta wkoll lil-livelli tal-produttività fis-settur tal-konsumaturi.

Li jinkisbu kundizzjonijiet indaqs għall-atturi fil-qasam tal-innovazzjoni jista' jgħin fil-promozzjoni ta' integrazzjoni eqreb tas-Suq Uniku, filwaqt li fl-istess ħin jiġu promossi l-aħjar prattiki li ġejjin minn innovaturi li huma SMEs. Il-biċċa l-kbira tal-SMEs għandhom kapaċità kbira mil-lat tal-innovazzjoni irrispettivament jekk humiex kumpaniji ta' teknoloġija avvanzata li għadhom jibdew jew intrapriżi tal-artiġjanat tradizzjonali, kemm jekk huma prinċipalment attivi fis-swieq lokali kif ukoll jekk għandhom klijenti minn madwar id-dinja. Fl-2008 biss aktar minn kwart (27 %) tal-SMEs li jwettqu attivitajiet ta' innovazzjoni fl-UE introduċew prodotti ġodda jew imtejba fis-suq [34].

Fis-settur tal-konsumaturi, l-SMEs għandhom rwol importanti ħafna biex jiżguraw id-disponibbiltà (f'termini ta' spazju, żmien u firxa) tal-prodotti u tas-servizzi għall-konsumaturi. Billi dan is-settur huwa orjentat lejn il-konsumatur, l-għarfien dettaljat dwar is-suq min-naħa tal-SMEs jippermettilhom jidentifikaw malajr fejn teknoloġiji ġodda jistgħu jgħinu biex tintlaħaq id-domanda tal-konsumaturi. Barra minn hekk, minħabba l-flessibbiltà organizzattiva tagħhom, l-SMEs jistgħu faċilment jiżviluppaw prodotti u servizzi ġodda, jew jimmodifikaw dawk eżistenti, sabiex jissodisfaw bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tal-konsumatur.

### *3.5.1 Tikkettar tal-Prodotti*

Rekwiżiti obbligatorji differenti tat-tikkettar jistgħu jostakolaw l-operaturi milli jfornu liberament madwar l-UE meta jfittxu prezz aħjar. Ir-reġim regolatorju eżistenti tal-UE dwar it-tikkettar tal-oġġetti alimentari[35] jarmonizza l-informazzjoni obbligatorja dwar l-ikel. Madankollu, jippermetti wkoll l-introduzzjoni ta' rekwiżiti obbligatorji addizzjonali tat-

---

[33] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni "*Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 Unjoni tal-Innovazzjoni*" (COM(2010) 546 finali tas-6 ta' Ottubru 2010)

[34] Rapport dwar il-Kompetittività tal-Unjoni tal-Innovazzjoni (2011); http://ec.europa.eu/research/innovation-union/index_en.cfm?section=competitiveness-report&year=2011

[35] Id-Direttiva 2000/13/KE tarmonizza d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar it-tikkettar ta' oġġetti alimentari; għandha tiġi sostwita bir-Regolament Nru 1169/2011 mit-13 ta' Diċembru 2014.

tikkettar fuq livell nazzjonali abbażi ta’ ċerti raġunijiet speċifiċi. Għalhekk, minkejja li r-regoli applikati fl-Istati Membri huma simili, f’xi każijiet, il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott tesiġi valutazzjoni tal-konformità pajjiż pajjiż. Il-kumplessità legali tista’ tostakola l-forniment transfruntiera, u tagħmilha diffiċli li jinħasdu l-benefiċċji tal-ekonomiji ta' skala.

Iktar trasparenza f'dan il-qasam se ġġib benefiċċji għall-partijiet interessati kollha. Se jitnieda studju ta' fattibbiltà għal bażi tad-dejta pilota li tiġbor flimkien kemm ir-rekwiżiti tal-UE kif ukoll dawk nazzjonali fis-settur alimentari, sabiex informazzjoni dwar ir-regoli tal-ittikkettar tkun aċċessibbli għal kulħadd. Jistgħu jkunu esplorati soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi (eż., skanners tal-barcode fil-ħwienet biex jipprovdu t-tagħrif meħtieġ minflok it-tikketti tradizzjonali), li jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet kosteffiċjenti, orjentati lejn il-konsumatur.

*3.5.2 Pagamenti elettroniċi:*

Skont studju riċenti ppubblikat mill-Bank Ċentrali Ewropew[36], il-kostijiet għas-soċjetà biex jiġu pprovduti servizzi ta' pagament għall-konsumaturi huma sostanzjali. Bħala medja, dawn jammontaw għal 1 % tal-PDG, jew madwar EUR 130 biljun għall-2009. Madwar nofs dawn il-kostijiet soċjali huma mġarrba mill-banek u infrastrutturi tal-ħlas, filwaqt li 46 % huma mġarrba mill-bejjiegħa. Il-kostijiet soċjali jeskludu t-tariffi mħallsa lil parteċipanti oħra tas-suq għall-katina ta’ tranżazzjoni tas-servizz tal-pagamenti. Jekk jiġu inklużi dawn it-tariffi, l-ispiża totali tal-pagamenti għall-bejjiegħa hija saħansitra ogħla għall-banek u l-infrastrutturi. Għalhekk, il-pagamenti jirrappreżentaw komponent sinifikanti tal-ispiża biex isir il-kummerċ min-naħa tan-negozjanti tal-UE.

Il-pagamenti elettroniċi joffru opportunitajiet importanti f'dan il-qasam. Is-suq għall-pagamenti mill-konsumaturi huwa dinamiku u ra żviluppi sinifikanti fl-evoluzzjoni tal-kummerċ elettroniku. Filwaqt li l-banek u l-iskemi tal-kards għadhom dominanti fil-pagamenti mill-konsumaturi, tfaċċaw metodi oħra ta’ pagamenti, bħal pagamenti fuq l-internet u bil-mowbajl mhux ibbażati fuq il-kards, xprunati mill-penetrazzjoni tal-ismartphones, u juru potenzjal b’saħħtu ta’ tkabbir għall-futur[37].

Il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-pagamenti bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl[38] tirsisti biex tippromwovi suq Ewropew integrat f’dawn l-oqsma għall-benefiċċju tal-konsumaturi u n-negozjanti. Il-benefiċċji li jirriżultaw minn integrazzjoni akbar jinkludu:

– Iktar kompetizzjoni bejn il-fornituri ta' pagamenti, u kundizzjonijiet indaqs bejn l-operaturi diġà stabbiliti u parteċipanti ġodda.

– Aktar għażla u trasparenza fis-servizzi tal-pagamenti għall-konsumaturi u n-negozjanti.

– Aktar innovazzjoni f'servizzi ta' pagament, u sigurtà mtejba li tappoġġa l-iżvilupp ta' kummerċ elettroniku.

Il-Green Paper u l-konsultazzjonijiet sussegwenti mal-partijiet interessati identifikaw għadd ta' ostakli possibbli biex l-integrazzjoni tas-suq tal-pagamenti bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl. Dawn jinkludu:

36 "The social and private costs of retail payment instruments: a European perspective", Sensiela ta’ Dokumenti Okkażjonali, BĊE, Nru. 137, Frankfurt, Settembru 2012.

37 Rapport tal-Grupp ta’ Ħidma dwar l-Innovazzjonijiet fil-Pagamenti fil-livell tal-Konsumaturi— Bank għas-Saldi Internazzjonali, Mejju 2012.

38 Il-Green Paper "*Lejn suq Ewropew integrat ghal pagamenti bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl*", (COM(2011) 941 finali tal-11 ta' Jannar 2011).

– Aċċess ristrett għas-suq għal fornituri ta' servizzi ta' pagament ġodda, ibbażati fuq il-kards jew dawk li mhumiex; (eż., l-aċċess għal informazzjoni dwar kontijiet ta' pagament minn fornituri terzi, jew aċċess għal sistemi ta' kklerjar u saldu għal fornituri ġodda ta' pagament).

– Livelli li jvarjaw ħafna (bejn l-Istati Membri) u possibbilment eċċessivi ta' tariffi multilaterali tal-interkambju (Multilateral Interchange Fees - MIFs) għal pagamenti bil-kard. Tariffi bħal dawn jirrappreżentaw is-sehem ewlieni tat-tariffi imposti mill-akkwirenti lin-negozjanti li jaċċettaw pagamenti bil-kard.

– Ostakli li jżommu lin-negozjanti milli jibbenefikaw minn akkwiżizzjoni transfruntiera jew ċentralizzata tal-pagamenti bil-kards.

– Diskrepanzi fl-istandardizzazzjoni u fl-interoperabbiltà għall-forniment ta' pagamenti bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl, u d-diżinċentivi li jirriżultaw għan-negozjanti biex jinvestu fl-infrastruttura neċessarja, bħal terminals ta' pagament;

Xi miżuri li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu introdotti permezz tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament[39] u l-introduzzjoni ta' mudell ta' governanza msaħħaħ għall-pagamenti fil-livell tal-konsumaturi fl-UE. Il-Kummissjoni ħabbret ukoll proposta leġiżlattiva dwar MIFs fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Att dwar is-Suq Uniku II[40].

***Azzjonijiet:***

*(8) Il-Kummissjoni se tniedi inizjattiva ta' innovazzjoni fis-settur tal-konsumaturi fl-2013 li permezz tagħha l-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' esperti ta' livell għoli, se tesplora kif jista' jiġi żgurat li s-settur tal-konsumaturi jista' jikkontribwixxi lejn prodotti, servizzi u teknoloġiji innovattivi u jibbenefikaw minnhom. Abbażi ta' dak, il-Kummissjoni se tfassal azzjonijiet konkreti ffukati fuq it-tisħiħ tal-kompetittività tas-setturi tal-konsumaturi, bħall-introduzzjoni aktar mgħaġġla tar-riżultati tar-riċerka fis-suq, u b'hekk jiġu integrati l-ambjenti tal-kummerċ elettroniku u dawk tal-istabbilimenti fiżiċi, modi ġodda ta' kif il-konsumaturi jiġu infurmati dwar il-prodotti, u l-iżvilupp ta' regolamenti u standards li jiffavorixxu l-innovazzjoni, eċċ.*

*(9) Il-Kummissjoni se teżamina l-fattibbiltà ta' bażi tad-dejta apposta li jkun fiha r-regoli kollha tal-UE u dawk domestiċi dwar it-tikkettar tal-ikel u tipprovdi mezz sempliċi biex jiġu identifikati r-rekwiżiti tat-tikkettar għal kull prodott.*

*(10) Il-Kummissjoni se tieħu miżuri sabiex tiżgura integrazzjoni aħjar tas-suq għall-pagamenti bil-kards, bl-internet u bil-mowbajl permezz ta':*

*a) Reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament;*

*b) Mudell ta' governanza msaħħaħ għal servizzi ta' pagamenti fil-livell tal-konsumaturi; kif ukoll,*

*c) Proposta leġiżlattiva dwar tariffi multilaterali tal-interkambju għal*

[39] Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU Nru L 319, tal-5 ta' Diċembru 2007, p. 1).

[40] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni "*Att dwar is-Suq Uniku II Flimkien għal tkabbir ġdid*" (COM(2012) 573 finali tat-3 ta' Ottubru 2012)

| |
|---|
| *kards ta' pagament.* |

### *3.6* Jinħoloq Ambjent tax-Xogħol Aħjar

Il-fluwidità tas-suq tax-xogħol hija estremament importanti biex permezz tagħha s-settur tal-konsumaturi jkun jista' jipprovdi aċċess għal impjiegi għall-ħaddiema żgħażagħ, mingħajr kwalifiki u/jew dawk staġjunali (32 % tal-impjegati fis-settur tal-konsumaturi ma għandhomx ħiliet jew għandhom livell medju ta' ħiliet meta mqabbel ma' medja ta' 27 % fil-forza tax-xogħol kollha kemm hi). Servizzi tal-konsumaturi ta' spiss jaġixxu bħal punt tat-tluq għal dawk li jidħlu jew jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol (15 % tal-ħaddiema kollha fis-settur tal-konsumaturi huma taħt l-24 sena, meta mqabbel ma' medja ta' 9 %; 30 % tal-impjegati fis-settur tal-konsumaturi jaħdmu part-time, meta mqabbel ma' medja ta' 20 %)[41]

Minħabba forza tax-xogħol sinifkanti impjegata fis-settur tal-konsumaturi, is-settur għandu jibbenefika bis-sħiħ minn mobbilità ffaċilitata għall-ħaddiema, sabiex il-ħiliet jistgħu jiġu impjegati fejn dawn ikunu l-aktar rilevanti. Dan huwa essenzjali biex jiġi mmassimizzat il-kontribut tas-settur għat-tkabbir fl-UE. Il-miżuri proposti se jgħinu biex ikun hemm użu aħjar tal-ħiliet disponibbli, speċjalment għall-SMEs, minħabba s-sehem għoli ta' ħaddiema għal rashom fis-settur.

#### *3.6.1 In-Nuqqas ta' Tlaqqigħ tal-Ħiliet*

In-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet bejn il-forza tax-xogħol u l-ħtiġijiet tas-settur tal-konsumaturi jippreżentaw sfidi sinifikanti għall-funzjonament ottimali tas-settur. Biex jiġi indirizzat dan in-nuqqas, il-forza tax-xogħol attwali u futura għandha jkollha l-portafoll bil-ħiliet tajbin, li jesiġi analiżi *ex-ante* preċiża tal-ħtiġijiet tal-ħiliet. L-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' ħiliet u tad-diskrepanzi huma partikolarment rilevanti għat-tisħiħ tal-impjegabbiltà taż-żgħażagħ deħlin fis-suq tax-xogħol, dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil, ħaddiema akbar fl-età, immigranti u persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, l-innovazzjoni li għaddejja u ż-żieda li tirriżulta fil-livelli ta' awtomatizzazzjoni fis-settur tal-konsumaturi jkunu jesiġu li l-ħaddiema jaġġornaw ta' spiss is-settijiet ta' ħiliet tagħhom sabiex jadattaw għal xogħol jew kompiti dejjem jinbidlu.

Biex jintlaħqu l-għanijiet ta' hawn fuq, l-investiment pubbliku waħdu mhux se jkun biżżejjed. Ir-responsabbiltà għall-investiment fil-ħiliet se jkollha tiġi kondiviża u s-settur tal-konsumaturi għandu jkollu rwol ikbar flimkien mal-gvernijiet, l-individwi, u s-settur edukattiv. Anki fis-sitwazzjoni attwali, fejn il-fokus huwa fuq il-kontroll tal-infiq baġitarju, tnaqqis fl-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ ma għandux ikun alternattiva. Għall-kuntrarju, investiment sostanzjali u intelliġenti fl-iżvilupp tal-ħiliet mhux biss se jiżgura l-aħjar "valur għall-flus", iżda se jgħin wkoll biex jinħasdu l-vantaġġi tal-potenzjal tan-nies. Kif ġie sottolinjat fil-Komunikazzjoni "Reviżjoni tal-Edukazzjoni"[42], sabiex tiġi żgurata forza tax-xogħol b'ħiliet adegwati u xierqa, se jkollhom jiġu multiplikati l-isforzi biex jiġu mmodernizzati s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ. Intrapriżi fis-settur tal-konsumaturi għandu

[41] *Structural features of distributive trades and their impact on prices in the euro area*, BĊE, Dokument Okkażjonali, Nru 128, Settembru 2011.

[42] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "*Reviżjoni tal-Edukazzjoni*: *Ninvestu fil-ħiliet għal eżiti soċjoekonomiċi aħjar"* (COM(2012) 669 finali tal-20 ta' Novembru 2012).

jkollhom rwol importanti fl-iffurmar ta' kurrikuli ġodda, l-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ u apprentistat, u fil-kooperazzjoni mill-qrib ma' sistemi ta' edukazzjoni biex jiġu identifikati l-oqsma li għandhom jikkonċentraw fuqhom, bħal ħiliet ambjentali akbar fost l-impjegati, jew li jinkisbu relazzjonijiet aħjar mal-fornituri. Sħubiji msaħħa bejn l-iskejjel u n-negozji, inklużi sistemi ta' taħriġ doppju għall-apprendisti appoġġati mill-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati[43], u l-introduzzjoni ta' forom differenti ta' taħriġ u boroż ta' studju, jistgħu jkunu utli għaż-żewġ partijiet: in-negozji fis-settur tal-konsumaturi jistgħu b'hekk jiżguraw li jkollhom aċċess għal forza tax-xogħol imħarrġa sew bil-ħiliet tajbin, filwaqt li l-iskejjel jistgħu jattiraw aktar studenti jekk il-kurrikulu tagħhom jipprovdi diploma li għandu valur ogħla fis-suq tax-xogħol. Minbarra dan, fil-livell tal-UE, dan l-aħħar ġew żviluppati u ttestjati strumenti speċifiċi għas-setturi biex jiġu appoġġati sħubiji aktar b'saħħithom u strutturati bejn il-fornituri tal-ħiliet u n-negozji. Wieħed minnhom, l-'Alleanzi tal-Ħiliet Settorjali'[44] propost taħt il-Programm Erasmus għal Kulħadd[45], jista' jkun partikolarment adattat biex jiġu indirizzati ħtiġijiet speċifiċi tas-settur tal-konsumaturi. Progetti ta' riġenerazzjoni huma eżempji tajbin ta' kif il-bejjiegħa jistgħu jaħdmu flimkien mal-awtoritajiet lokali biex jindirizzw il-qgħad fit-tul.

In-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet jvarjaw ħafna bejn is-setturi u madwar l-UE, u jvarjaw ukoll fit-tul ta' zmien tagħhom. Sabiex jitnaqqas In-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet iffaċċjat mill-kumpaniji u dawk li qed ifittxu x-xogħol, il-partijiet interessati kollha, inklużi kumpaniji u l-imsieħba soċjali fis-settur tal-konsumaturi, għandhom jinvolvu ruħhom fid-definizzjoni tal-ħiliet kwalitattivi u kwantitattivi fuq medda ta' żmien qasira, medja u twila.

It-tnedija fl-2012 ta' Kunsill Ewropew għall-Ħiliet Settorjali għas-settur tal-kummerċ – li jkopri kemm il-livell tal-konsumaturi kif ukoll dak tal-operaturi – huwa mistenni li jkollu rwol kruċjali biex jinbena l-għarfien dwar il-ħiliet settorjali flimkiem mal-kunsilli nazzjonali tal-ħiliet f'dan is-settur. B'kontribut lejn il-Panaroma ta' Ħiliet tal-UE[46] imnedija dan l-aħħar, il-ħidma ta' dawn il-ħiliet tal-kunsilli se tikkontribwixxi biex jiġu antiċipati u evitati dawn il-lakuni u diskrepanzi billi tipprovdi lill-partijiet interessati informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet u l-impjiegi Antiċipazzjoni aħjar se tippermetti lill-kumpaniji tal-Istati Membri, kif ukoll lill-individwi, biex jagħmlu għażliet u investimenti infurmati aħjar.

### *3.6.2 L-Ekonomija Informali*

Ix-xogħol mhux iddikjarat huwa kwistjoni importanti fis-settur tal-konsumaturi. Ħaddiema fl-ekonomija informali[47] huma esklużi mill-kopertura mil-lat tas-saħħa kif ukoll mill-benefiċċji soċjali eżistenti. Dan jinvolvi riskji soċjali għoljin, u introjtu u protezzjoni soċjali baxxi, għal dawn il-ħaddiema. Barra minn hekk, l-eżistenża ta' ekonomija informali twassal għal telf fid-dħul baġitarju minħabba kontribuzzjonijiet imħallsa aktar baxxi ta' taxxi u sigurtà soċjali.

---

[43] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni "*Inressqu ż-Żgħażagħ lejn l-Impjiegi*" (COM(2012)727 finali tal-5 ta' Diċembru 2012)

[44] http://ec.europa.eu/education/news/20120425_en.htm

[45] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "*ERASMUS GĦAL KULĦADD; Il-Programm tal-UE għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażagħ u l-Isport*" (COM(2011) 787 finali tat-23 ta' Novembru 2011).

[46] http://euskillspanorama.ec.europa.eu/

[47] Attività u dħul li jaqgħu kompletament jew parzjalment barra mill-ambitu tar-regolamentazzjoni u t-tassazzjoni tal-gvern.

Għalhekk, iżżid piż tat-taxxa ogħla fuq xogħol reġistrat u taffettwa l-kompetittività tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni se tinvolvi l-partijiet interessati kollha fi djalogu biex tivvaluta l-impatt tal-ekonomija informali fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u biex tiddetermina kif jista' jitfassal approċċ tal-UE biex din tingħeleb[48].

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jaħdmu flimkien biex jiżguraw li jitqiesu l-partikolaritajiet tas-settur tal-konsumaturi meta tiġi implimentata kwalunkwe azzjoni mfassla fil-ġlieda kontra l-ekonomija informali.

***Azzjoni:***

*(11) Il-Kummissjoni se ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali biex toħloq kundizzjonijiet li jagħmluha possibbli li l-ħiliet ikopru l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol fis-settur tal-konsumaturi, partikolarment permezz tal-identifikazzjoni u l-antiċipazzjoni tal-ħtiġijiet ta' ħiliet permezz tal-Kunsill tal-UE dwar il-Ħiliet Settorjali, u billi jittejbu l-politiki ta' taħriġ u ħiliet ġodda tas-settur tal-konsumaturi.*

### 3.7 Id-dimensjoni internazzjonali

L-ostakli kummerċjali internazzjonali fis-settur tal-konsumaturi (għall-istabbiliment u modi oħra ta' provvista, bħal restrizzjonijiet dwar il-franchising u l-kummerċ elettroniku) jikkostitwixxu ostaklu kbir għat-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi. Attwalment, madwar 36 miljun impjieg fl-UE jiddependu, direttament jew indirettament, fuq il-kummerċ. L-aċċess għas-swieq tal-pajjiżi terzi jiftaħ kanali importanti għall-parteċipanti Ewropej, speċjalment l-SMEs, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jisfruttaw it-tkabbir ta' dawk is-swieq. L-aċċess mis-settur tal-konsumaturi għal swieq ta' pajjiżi terzi għandu potenzjal ta' multiplikazzjoni tat-tkabbir sinifikanti għall-ekonomija tal-UE. Il-bejjiegħa Ewropej ikollhom rwol importanti bħala katalizzaturi tal-esportazzjoni billi jfornu prodotti manufatturati fl-UE lil pajjiżi terzi, u b'hekk titwitta t-triq għall-aċċess mill-SMEs għal swieq barra l-UE. Għaldaqstant huwa propost li tiġi stabbilita, bi djalogu mill-qrib mas-settur tal-konsumaturi, strateġija tal-UE biex jinfetaħ il-kummerċ internazzjonali u jiġu indirizzati ostakli eżistenti, b'mod partikolari permezz ta':

– Titjib fil-ġbir tal-informazzjoni dwar l-ostakli kummerċjali ta' pajjiżi terzi għas-settur tal-konsumaturi, sabiex is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni jiġu megħjuna jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles eżistenti u jħejju negozjati futuri; kif ukoll,

[48] B'mod partikolari il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2013 jsemmi l-istabbiliment ta' "Pjattaforma Ewropea biex jiġi miġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat". Din il-pjattaforma se jkollha l-għan li tkopri l-oqsma kollha ewlenin influwenzati mix-xogħol mhux iddikjarat u li tappoġġja ġlieda aktar effettiva kontra x-xogħol mhux iddikjarat permezz ta' titjib fil-kooperazzjoni, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u l-identifikazzjoni ta' prinċipji komuni. Din l-inizjattiva kienet imħabbra fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "*Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi*" (COM(2012)173 finali tat-18 ta' April 2012 magħrufa aħjar bħala l-"Pakkett dwar l-Impjiegi").

– Titjib fil-Helpdesk għall-SMEs[49], kif ukoll il-Helpdesk għall-esportazzjoni u l-bażijiet tad-dejta dwar l-Aċċess għas-Swieq, sabiex jiġu estiżi l-ambiti rispettivi tagħhom sabiex jiġu koperti s-servizzi.

## 4. KONKLUZJONI: DJALOGU KONTINWU MAS-SETTUR TAL-KONSUMATURI

Minħabba l-potenzjal għat-tkabbir u l-impjiegi li s-servizzi tal-konsumatur jistgħu jikkontribwixxu għall-ekonomija tal-UE kollha kemm hi, hemm bżonn ta' strateġija koerenti u olistika li tindirizza l-ostakli li attwalment ixekklu l-iżvilupp sħiħ tagħhom.

Li jkun possibbli aċċess għal servizzi tal-konsumatur aktar kompetittivi u sostenibbli, li l-konsumaturi jingħataw is-setgħa sabiex jagħmlu għażliet infurmati aħjar dwar il-prodotti li huma jixtiequ jakkwistaw, li tiġi żviluppata katina ta' provvista lill-konsumatur aktar bilanċjata, li jiġu appoġġjati soluzzjonijiet innovattivi, li jiġu introdotti aktar malajr fis-suq ir-riżultati tar-riċerka, u li jinħoloq ambjent tax-xogħol li jiffunzjona aħjar fis-settur tal-konsumaturi kollha se jikkontribwixxu lejn din il-mira.

Il-11-il azzjoni konkreta stabbiliti[50] f'dan il-Pjan ta' Azzjoni għandhom jiġu implimentati sal-2014 sabiex jinkiseb Suq Uniku tal-Konsumaturi. Huwa essenzjali li dan il-Pjan ta' Azzjoni jiġi eżegwit b'mod parallel ma' inizjattivi oħrajn, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar is-Servizzi, il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Kummerċ Elettroniku, u l-inizjattivi li għaddejjin bħalissa fil-qasam tal-pagamenti.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-iżviluppi u tirrapporta dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' Azzjoni billi toħroġ rapport fl-2015. Dan il-monitoraġġ se jsir abbażi tad-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, mal-Istati Membri, u mar-rappreżentanti tas-settur tal-konsumaturi u partijiet interessati rilevanti oħrajn permezz tal-Grupp dwar il-Kompetittività tas-Settur tal-Konsumaturi.

49 Faċilità speċifika operata mill-Kummissjoni biex jiġu indirizzati t-tħassib u l-mistoqsijiet tan-negozjanti billi jittejjeb l-approċċ immirat tagħha lejn l-SMEs.

50 L-azzjonijiet kollha proposti li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni f'dan id-dokument huma konsistenti u kompatibbli mal-Qafas Finanzjarju Multiannwali attwali (2007-2013) u l-proposta għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid 2014-2020.